

Brussell, 28 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5768/19

FIN 66
CLIMA 25
ENV 77
ENER 35

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Jannar 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 5367/19	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 24/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Dimostrar tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kummerċjali ġewwa l-UE: il-progress intenzjonat ma nkisibx matul dawn l-aħħar għaxar snin" – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 24/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Dimostrar tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kummerċjali ġewwa l-UE: il-progress intenzjonat ma nkisibx matul dawn l-aħħar għaxar snin", kif adottati mill-Kunsill fit-3670 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Jannar 2019.

Rapport Speċjali Nru 24/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Dimostrar tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kummerċjali ġewwa l-UE: il-progress intenzjonat ma nkisibx matul dawn l-aħħar għaxar snin

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 24/2018 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "Dimostrar tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju u tas-sorsi innovattivi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala kummerċjali ġewwa l-UE: il-progress intenzjonat ma nkisibx matul dawn l-aħħar għaxar snin";
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JIRRIKONOXXI l-importanza tagħhom fid-dawl tar-regoli li għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva ETS għall-operazzjoni tal-Fond għall-Innovazzjoni matul il-fażi li jmiss tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS) mill-2021 sal-2030; JISTENNA B'INTERESS id-diskussjoni ulterjuri fost l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra f'dak il-kuntest;
3. JIRRIKONOXXI li la l-programm NER300 taħt l-EU ETS u lanqas il-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru (EEPR), li t-tnejn ġew stabbiliti fl-2009, ma kisbu l-progress previst fl-appoġġ għad-dimostrazzjoni ta' firxa usa' ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli u proġetti għall-ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS); JAQBEL mal-konklużjoni li f'ħafna każijiet dan kien minħabba l-kondizzjonijiet ħżiena għall-investment mill-2012 'il quddiem, u mas-sejba li l-prezz anqas milli mistenni tas-suq tal-karbonju wara l-2011 kien fattur ewlieni għall-falliment ta' proġetti tas-CCS; JAQBEL ulterjorment mal-konklużjoni li kien hemm karatteristiċi tad-disinn fin-NER300 li setgħu ttejjbu;

4. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-appoġġ imsaħħaħ tal-UE għal firxa wiesgħa ta' teknoloġiji innovattivi, sikuri u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż għall-ġenerazzjoni u l-ġestjoni tal-elettriku u s-sħana u għal proċessi u prodotti industrijali, fil-kuntest tal-isforzi biex jintlaħqu l-oġettivi tal-qafas ta' politika tal-Unjoni għall-klima u l-enerġija għall-2030 kif ukoll l-oġettivi fit-tul espressi fil-Ftehim ta' Pariġi, u fid-dawl tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar l-istrateġija fit-tul tal-UE għall-klima, filwaqt li jitqiesu l-pjanijiet nazzjonali;
5. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiżdied il-potenzjal għal appoġġ effettiv tal-UE għal proġetti b'impatt konsiderevoli fuq il-kisba ta' tnaqqis fl-emissjonijiet, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-bilanċ ġeografiku fost l-Istati Membri;
6. JAPPOĠĠA lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha, flimkien mal-Istati Membri, biex titjeb l-għażla tal-proġetti u l-proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Fond ta' Innovazzjoni meta mqabbla man-NER300 b'kont meħud tat-tagħlimiet meħuda, u biex jiġi żgurat li l-Fond ikollu biżżejjed flessibbiltà biex jirrispondi għal iżviluppi esterni kif ukoll dispożizzjonijiet ċari ta' responsabbiltà; Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, JINKORAĠĠIXXI l-isforzi għat-titjib tal-koordinazzjoni u t-tiftix tas-sinerġiji, fejn possibbli u xieraq, bejn l-istrumenti finanzjarji differenti fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE li huma disponibbli biex jappoġġaw l-innovazzjoni sikura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fl-UE.
